MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF
PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tad-9 ta' Mejju, 2008

Appell Civili Numru. 19/2007

**Edward Zammit**

**vs**

**Joseph Pitre` Ltd**

**Il-Qorti,**

Fid-9 ta’ Ottubru, 2007, it-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumaturi ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **“**It-Tribunal
>
> Wara li ha konjizzjoni ta’ l-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentat fid-9 ta’ Lulju, 2007 fejn ir-rikorrenti talab danni ta’ elf, erba’ mija u ghoxrin Liri Maltin (Lm1420) rapprezentanti disa’ mija u sebghin Liri Maltin (Lm970) bhala prezz ta’ madum u erba’ mija u hamsin liri Maltin (Lm450) bhala prezz ta’

xoghol liema madum wara li tqieghed u gie mnaddaf irrizulta li l-kulur tal-madum kien ivarja.

L-intimat baghat risposta ghal din it-talba u attenda ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti u wara li sema' x-xhieda ta' l-intimat li huwa rapprezentant tad-ditta intimata u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Ikkunsidra s-segwenti:

Ir-rikorrenti xtara madum minghand id-ditta intimata li kien 'Polished Gres 50 X 50' ta' kwalita` 'Prima' ghall-valur totali ta' disa' mija u wiehed u hamsin Liri Maltin u hamsin centezmu (Lm951.50) u li hallas is-somma ta' erba' mija u hamsin Liri Maltin (Lm450) sabiex dan jigi mqieghed.

L-intimat issottometta illi l-madum ma zammx l-uniformita` fid-dehra tieghu minhabba l-fatt illi min pogga l-madum ma zammx ma' l-indikazzjoni tal-marka tal-vlegga li tindika kif u f' liema direzzjoni kull tali maduma ghandha titwahhal.

It-Tribunal ezamina r-ritratti tal-madum produti mir-rikorrenti u nnota wkoll il-vlegeg fuq il-madum ta' kif kellu jitwahhal.

It-Tribunal jinnota illi:-

Kien hemm responsabilta` da parti ta' min iwahhal il-madum li jsegwi l-vlegeg ghaliex jidher li dawn ma gewx segwiti.

Ghal dawn il-motivi:

It-Tribunal jichad it-talba tar-rikorrenti bl-ispejjez jigu sopportati ugwalment bejn il-partijiet.**"**

Bl-appell tieghu minn din id-decizjoni r-rikorrenti jillanja li t-Tribunal mar kontra d-dettami ta’ gustizzja naturali u, allura, ippregudikalu b’ mod gravi l-jeddijiet tieghu in bazi ghas-segwenti zewg aggravji:-

(1) It-Tribunal qies punt mhux applikabbli u kompletament irrilevanti meta ddecieda l-kwestjoni qdudiemu mhux fuq il-bazi tad-differenza fil-kwalita` u lewn tal-madum izda fuq il-mod tat-twahhil tieghu;

(2) It-Tribunal ma pprovdiex motivazzjoni adegwata u ragjonevoli ta’ l-ilment dedott minnu bl-azzjoni intentata;

Is-socjeta` appellata tikkontestalu, fir-risposta ta’ l-appell taghha dawn iz-zewg doljanzi u, anzi, tikkontendi illi la s-sentenza ma tikkontjeni ebda vjolazzjoni tal-principju suddett ta’ gustizzja naturali, l-istess appell ghandu jitqies irritu u null. Fl-ambitu ta’ din il-pregudizzjali l-Qorti behsieba tikkonsidra flimkien iz-zewg aggravji sottoposti anke ghaliex il-wiehed jinonda fuq l-iehor u jistghu, ghalhekk, fil-kumpless, jitqiesu gravam unitarju wiehed;

Il-kaz in ezami jitratta minn talba tar-rikorrenti ghall-kumpens fuq il-premessa illi l-madum minnu mixtri minghand il-kumpanija intimata ma kienx ta’ l-istess kulur. Minn naha taghha l-kumpanija tiddefendi ruhha bl-eccezzjoni illi min qieghed il-madum supplit ma segwiex l-istruzzjonijiet, bl-indikaturi ta’ vlegeg fuq kull maduma, li kienu juru d-direzzjonijiet kif il-madum kellu jigi applikat fil-post;

In parentesi, mill-mid kif ikkoncepita l-azzjoni, din tidher li tirrientra fil-qafas tad-dispost ta’ l-Artikolu 1390 tal-Kodici Civili li tintitola lix-xerrej <u>jew</u> li jirrexxindi l-bejgh u jitlob id-danni <u>jew</u> li jzomm l-oggett jew prodott lilu konsenjat u li jezigi riduzzjoni fil-prezz. F’ din l-ahhar ipotesi l-ftehim jibqa’ jissussisti pero` il-kompratur ikollu dritt jigi

kkompensat minhabba inadempjenza kontrattwali fil-bejjiegh. Fil-kaz prezenti jidher li r-rikorrenti opta ghal din l-ahhar soluzzjoni. Dan bl-assunt illi, kif gja nghad, il-madum minnu mixtri u lilu supplit ma kienx ta' l-istess lewn. Ta' min jirregistra fuq din it-tema illi, ankorke, il-kwestjoni kellha tigi rivalutata taht dan il-profil, ried dejjem jirrizulta li l-lewn divers jew in-nuqqas ta' kwalita`, ikun hekk stabbilit mir-rikorrenti li hu wiehed intrinsikament sostanzjali u li gie esplicitament lilu mwieghed mis-socjeta` venditrici. Ara **Kollez. Vol. XXXI P I p 678**;

Affermat dan merament in linea tal-principju tad-dritt fuq is-soggett, fl-indagini li kellu jaghmel it-Tribunal ma setax lanqas jisfuggi l-linja difensjonali prospettata mis-socjeta` appellata illi l-kontroversja kellha tigi rigwardata wkoll mill-ottika tat-tqeghid zbaljat tal-madum u dik ta' l-inottemperanza minn min kien hekk kommissjonat minn dan ix-xoghol li jsegwi d-direzzjonijiet indikati lilu. Jikkonsegwi illi l-gudizzju formattiv tat-Tribunal kellu jiddixxendi minn dak ta' l-ezami diskrezzjonali, s' intendi, bl-adoperu tal-gustizzja sostantiva tal-kaz u skond l-ekwita` [Artikolu 21 (1), Kapitolu 378], dwar jekk il-kwestjoni kellhiex ikollha konnessjoni ma' dik ta' l-integrita` u adegwatezza aspettata mir-rikorrenti meta xtara l-madum jew, invece, rabta mal-mod ta' kif gie applikat *in situ* l-madum minn min qeghdu;

Dan premess, ma jistax, ghal fini ta' l-investigazzjoni ta' l-aggravji, ma jinghadx in linea generali illi kull gudizzju, sija jekk moghti minn qorti jew minn tribunal gudizzjarju jew kwazi-gudizzjarju, ghandu, fil-minimu, jikkontjeni motivazzjoni li turi l-ghaliex qorti jew tirbunal ikun wasal ghal dik id-decizjoni tieghu. Dan jghidu kemm l-Artikolu 218 tal-Kapitolu 12 ghall-procedimenti sagramentali, kif ukoll l-Artikolu 23 (2) (d) tal-Kapitolu 378 li kkreja t-Tribunal adit, anke jekk f' dan l-ahhar kaz, mhux necessarji “motivi imtawlin”. Fundamentalment, imbaghad, li dik l-istess motivazzjoni tkun wahda sufficjenti u razzjonali fir-raffront bejn ir-raguni tad-decizjoni u r-rizultanzi probatorji. Ara f' dan is-sens, u fost

ohrajn, id-decizjoni ta' din il-Qorti, diversament presjeduta, in re: "**Rose Loftus *et* -vs- Ray Mallia (Blye Engineering Co. Ltd)**", 9 ta' Lulju 1999 u dik ta' l-istess Qorti, kif presjeduta, fl-ismijiet "**Mary Zarb -vs- Emma Azzopardi *et***", 28 ta' Marzu, 2007;

Fil-kaz prezenti jibda biex jigi denotat illi s-sentenza appellata ma fihiex mankanza tal-motivazzjoni li tista', anke ghal dik ir-raguni biss, tirrendiha radikalment nulla. Il-parti razzjonali taghha turi, anzi, kjarament illi t-Tribunal, tajjeb jew hazin, ippropenda versu d-difiza tas-socjeta` appellata billi, fuq il-valutazzjoni tieghu tal-provi, sab li min kien inkarigat mit-tqeghid tal-madum ma zammx ma' l-istruzzjonijiet;

Jista' jigi objettat, kif hekk inhu l-kaz anke hawnhekk, illi t-Tribunal naqas milli jikkummenta u joffri raguni l-ghala kien qed jiskarta d-deduzzjoni ta' l-appellanti bazata fuq il-kwalita` u l-kolorazzjoni diversa tal-madum. Dejjem xieraq, pero`, li jinghad illi ghal fini ta' l-adempiment ta' l-obbligu tal-motivazzjoni la l-qorti u lanqas it-tribunal ma huma hekk tenuti li joqghodu jevalwaw singolarment ir-rizultanzi processwali jew li joqghodu jiddibattu jew jikkonfutaw l-argumenti, id-deduzzjonijiet u kontro-deduzzjonijiet, prospettati mill-partijiet. Apparti dak li jinsab preskritt mil-ligi fir-rigward tal-prezenti Tribunal specjali [Artikolu 23 (2) (d), id-dottrina procedurali tidher li ssegwi l-linja illi jkun sufficjenti li r-rizultanzi istruttorji jigu vvalutati fil-kumpless taghhom, purke l-gudikant jaghti indikazzjoni ta' dak l-element jew ta' dawk l-elementi li fuqhom ikun iffonda l-konvinciment tieghu. L-istess insenjament dottrinali, accettat ukoll fil-gurisprudenza taghha, jissokta jippreciza illi meta gudikant ikun wasal ghal dik il-konkluzjoni tieghu ghandu jitqies illi *per impliciter* huwa jkun iddizattenda r-riljevi u c-cirkostanzi, li ghalkemm mhux espressament imsemmija jew specifikati, jkunu logikament inkompatibbli mad-decizjoni minnu adottata. Is-sokkombenti jista' ma jaqbelx mal-konkluzjoni raggunta izda ma jistax jinghad, fil-limiti strettissimi ghal liema hu akkordat appell lil din il-Qorti minn sentenzi tat-

Tribunal adit, illi s-sentenza appellata ma fihiex dak ir-riljev necessarju li jikkjarixxi u jsostni b’ mod adegwat, anke jekk skematiku, ir-*ratio decidendi*. Taht dan il-punto di vista, il-Qorti ma ssibx li d-decizjoni impunjata mir-rikorrenti tippekka minn ksur tal-principju regolatur tal-gustizzja naturali u, konsegwentement, mhux il-kaz li l-Qorti, f’ dan il-kaz, tiddissenti minnha.

Ghal motivi kollha fuq migjuba l-appell qed jigi respint u s-sentenza appellata, ikkonfermata, bl-ispejjez ta’ din l-istanza kontra r-rikorrenti appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------